# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 102/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Kevin J Farrugia)

vs

**Joevin Ellul**

iben Anthony , imwieled Pieta', fid-29 ta' Ġunju,1987 detentur tal-karta ta' l-identita' numru 345787 (M)

Illum 30 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joevin Ellul quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-5 ta' Frar, 2006 għall-ħabta tal-11.30 a.m. waqt li kien qed isuq vettura ELT 013 ta' l-għamla Toyota fi Triq il-Kosta, Salina; u f'inħawi oħra fil-Gżejjer Maltin;

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti kkaġuna ġrieħi;

a. Ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nazzareno Mercieca ID 130988(M) skond kif iċċertifikat Dr. Johanna Pace M.D.

b. U aktar talli kkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Muscat ID 949949(M) skond kif iccertifika Dr. E. Pace Balzan u Dr. Daniela Barbara M.D. (reg. 9839) tal-Casualty Department tal-Isptar San Luqa.

c. U aktar talli kkawża ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Chantelle Vassallo ID 403392(M) skond ma ċċertifikat Dr. Tiziana Micallef M.D.

d. U aktar talli kkawża ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Terry Muscat ID 543971(M) skond ma ċċertifikat Dr. Joanna Pace M.D. tal-Casualty Department tal-Isptar San Luqa.

2. Saq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluża bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, meta ħabat ma' vettura JBD 767, LAN 683 u kkaġunalha ħsara għad-dannu ta' Nazareno Mercieca u Charles Axisa rispettivament.

3. Saq bi speed eċċessiv u dan ai termini tal-artikolu 127 tal-L.S. 65.11

4. Saq l-istess vettura mingħajr ma kien kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni għal riskju ta' terzi persuni,

5. U aktar talli qabeż il-linji bajda kontinwi.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba illi f'każ ta' ħtija, tiskwalifika lill-imsemmi Joevin Ellul milli jkollu jew jottjeni xi liċenzja tas-sewqan għall-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta' Frar, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 226(1)(a) u (c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65, l-Artikolu 3(1), 3(2) u 3(2A) tal-Kapitolu 104 u r-regolamenti 88 u 127 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11:

1. Sabet lill-imputat mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni ittra (a) li tirreferi għal ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nazzareno Mercieca, tat-tielet u tal-ħames imputazzjonijiet u illiberatu minnhom;

2. Sabet lill-imputat mhux ħati ukoll tal-ewwel imputazzjoni ittra (d) li tirreferi għal ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Terry Muscat u illiberatu minnha, pero' sabitu ħati minflok fl-offiża kompriza u involuta fl-ewwel imputazzjoni bl-ittra (d) li ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Terry Muscat;

3. Sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni ittra (b) li tirreferi għal ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Muscat u l-ewwel imputazzjoni ittra (c) li tirreferi għal ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Chantelle Vassallo;

4. Sabet lill-imputat ħati wkoll tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Għaldaqstant, il-Qorti kkundannat lill-ħati għal ħlas ta' multa ta' sebat elef Euro (€7000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Euro (€200.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu, 2015, b'dan li jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti wkoll, ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 u 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-liġijiet ta' Malta skwalifikat lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax (12) -il xahar millum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Joevin Ellul minnu ppreżentat fl-4 ta' Marzu, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Maġistrat Dr. Marseann Farrugia LL.D tal-25 ta' Frar 2015 fejn l-imputat ġie liberat, u tħassar dik il-parti tas-sentenza kwantu sabitu ħati tat-tieni akkuża kif miġjuba kontrih u konsegwentement tilliberaħ minn kull piena u ħtija skont il-liġi, u f'każ li din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tiġi mposta piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti sabet lill-imputat ħati *inter alia* tat-tieni imputazzjoni u kkundannat lill-imputat iħallas multa ta' € 7,000 [sebat elef Ewro] u ssospendiet il-liċenzja tiegħu għal tnax-il xahar.

Illi l-appellant umilment jissottometti li l-piena inflitta hija waħda iebsa ħafna fiċ-ċirkostanzi speċjalment għal dak li jirrigwardja t-tieni akkuża għas-segwenti raġunijiet:

a) Illi r-responsabilta tal-inċident mhix waħda fejn l-appellant huwa unikament ħati. L-Ewwel Qorti semmiet dan il-punt fejn qalet li anke jekk hemm kontribuzzjoni għall-inċident xorta ma jikkaġunax l-appellant. Fuq dan il-punt hemm qbil. Iżda din għandha tiġi riflessa fil-piena li hija waħda monetarjament qawwija.

b) Illi l-Ewwel Qorti ssospendiet il-liċenzja ta' l-appellant għal tnax-il xahar. Illi l-appellant jaħdem ma' Transport Malta fejn għandu numru ta' reġistrazzjoni 831968 u liċenzja fil-kategorija D. Ix-xogħol tiegħu jinneċessita li jkollu liċenzja tas-sewqan. L-appellant jifhem li meta misjub ħati ser jingħata terminu iżda umilment u bir-rispett jissottometti li t-terminu fiċ-ċirkostanzi huwa wieħed twil ħafna.

c) Illi l-appellant umilment u bl-akbar sinċerita' jissottometti li l-inċident in kwistjoni seħħ fil-5 ta' Frar, 2006 meta huwa kellu tmintax-il sena. Is-sentenza ingħatat disa' snin wara meta l-appellant għandu xogħol fiss u regolari, ma' awtorita' tal-Gvern - ironikament l-akkuża in deżamina titratta sewqan u llum l-appellant jaħdem ma' awtorita' li tħares l-interessi ta' min isuq. Illum l-istess appellant huwa missier. Illi dan it-trapass ta' żmien għandu jittieħed in konsiderazzjoni f'dan il-każ, li għalkemm mhux wieħed sempliċi, hemm trapass ta' żmien fejn iċ-ċirkostanzi tal-bniedem u tal-ħajja tiegħu tbiddlu totalment. Illi għalhekk dan il-punt tat-trapass ta' żmien kellu jingħata piż mill-Ewwel Qorti meta ddeċidiet il-piena.

d) Illi għal dak li jirrigwardja l-multa ta' sebat elef Euro l-appellant jirrimarka li s-sospensjoni tal-liċenzja tiegħu għal tnax-il xahar ikollha effetti negattivi ħafna jekk dan ma jibqax jaħdem fejn l-inadempjenza tiegħu li jħallas il-multa twassal għal piena karċerarja – li naturalment hija ħaġa li l-appellant irid jevita a kost ta' kollox.

e) Illi s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet waħda eċċessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta' **Cesare Beccaria**:[1]

> *"...che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibili, ne di disfare un delitto gia commesso...,"*

---

[1] 'Dei Delitti e Delle Pene' Livorno, 1833, pp.59-60.

l-appellant jixtieq li bl-akbar umilta jissottometti li l-piena inflitta kienet eċċessiva.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Fil-fehma tal-appellant il-piena hi waħda eċċessiva minħabba l-fatt li l-każ kien ġara fi Frar tal-2006 meta l-appellant kien għad għandu tmintax-il sena u s-sentenza mill-Ewwel Qorti ngħatat fil-25 ta' Frar, 2015 meta kien ser jagħlaq tmienja u għoxrin sena u cioe' disa' snin wara l-inċident. Skont l-appellant it-trapass ta' żmien kien twil wisq u dan il-fatt ma ttieħidx in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti nkwantu jirrigwarda l-piena.

Illi mid-data tal-inċident sas-sentenza l-appellant kien biddel ħajtu u li saħansitra llum il-ġurnata x-xogħol tiegħu jinneċessita's-sewqan għax għandu xogħol, regolari u fiss ma' Transport Malta.

Illi l-piena erogata mhix waħda karċerarja iżda l-appellant ġie kkundannat għal multa ta' sebat elef Ewro (€7,000) u skwalifika milli jkollu jew jottjeni liċenżja għal tnax (12)- il xahar. U li ovvjament bla liċenzja ma jistax ikompli xogħolu u ma jkunx jista' jħallas il-multa, b'riżultat li jkollu jagħmilhom ħabs u jixtieq jevita din is-sitwazzjoni.

Jekk wieħed jara d-diċitura tas-sentenza, l-Ewwel Qorti meta ġiet għal piena, qieset li l-fedina penali tal-appellant ma kellhiex każijiet oħra li kellhom x'jaqsmu mat-traffiku u hija ħadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-appellant u missieru kien sensittivi għal ħsara li ġiet kkaġunata għax ħallsu l-ħsarat u anke marru jaraw wieħed mill-passiġieri d-dar. Madankollu, ikkalkulat ukoll li n-natura serja tar-riżultanzi tal-inċident stante li waħda mill-passiġieri spiċċat truxa minn widna a kawża ta' dan l-istess inċident.

Illi l-piena imposta mill-Ewwel Qorti hi waħda fil-parametri tal-liġi u hemm qbil ċar dwar dan mill-partijiet kollha.

L-inċident kien wieħed serju fejn sinjura baqgħet truxa minn widna waħda u nies oħra weġġħu. Mill-provi jirriżulta li l-appellant mar biex jaqbeż  karozzi oħra meta kien kważi ġei għall-liwja. Dan l-aġir ma għandux skużanti u huwa r-riżultat ta' nuqqas ta' maturita' traskuraġni, ħsieb, u responsibilita' b'riżultanzi serji u danni fiżiċi permanenti fuq persuna.

Madankollu, wara li fliet bir-reqqa kollha l-atti, u t-tul tal-kawża din il-Qorti hi tal-fehma li l-perjodu tas-sospensjoni tal-liċenżja għandha tkun nqas. Dan minħabba l-fatt li jista' joħroġ iktar deni milli ġid minnha peress li xogħol l-appellant illum il-ġurnata huwa relatat mat-trasport u li tul dan iż-żmien kollu  u cioe' tnax (12) –il sena minn  wara mill-inċident huwa żamm il-fedina penali nadifa speċjalment inkwantu jirrigwarda l-liġijiet tat-Traffiku .Għal dawn ir-raġunijiet  ħa jkun hemm varjazzjoni fis-sospensjoni tal-liċenżja li kienet ġiet imposta mill-Ewwel Qorti.

Għaldaqstant, tilqa' l-appell ta' Joevin Ellul inkwantu jirrigwarda ż-żmien tas-sospensjoni tal-liċenżja u tvarja ż-żmien ta' sospensjoni minn tnax (12)-il xahar għal sitt (6) xhur. Il-kumplament tas-sentenza  nkwantu jirrigwarda l-multa ta' sebat elef  Ewro (€7,000) u s-sejbien ta' ħtija hi konfermata fl-intier tagħha.